# Aspetti minn "Helsien"

MARIO CASSAR

**Helsien** (1940) jieħu sehem bis-sħiħ fl-evoluzzjoni tar-rumanż realista Malti li beda jgħolli rasu fis-snin tletin f'relazzjoni mal-vena storiko-romantika li għal żmien twil hi l-vena ewlenija tal-letteratura tagħna. Ir-realiżmu lokali, bħall-mudelli barranin aktar bikrija, kien mera ta' soċjetà kumplessa li bdiet titlob doża aktar qawwija ta' osservazzjoni soċjoloġika. Ir-rumanz realista bħal speċi ried jikkonserva f'dokument il-ħajja kontemporanja, biex barra li jikxef it-tensjonijiet tal-mument, jirrekordja sa l-iċken dettal sura ta' ħajja li kienet qiegħda tinbela' mill-forza tal-progress. Ir-riformista, f'dan is-sens, sar ukoll l-istorku soċjali. Bejn żewġ ġibdiet, minkejja li r-realiżmu hu aktar marbut ma' l-ambjent belti, fil-każ Malti r-raħal baqa' punt ta' riferiment importanti. L-ideal romantiku tar-raħal bħala eżempju tal-valuri tradizzjonali f'kuntrast mad-dekadenza u t-tħassir tal-belt ma għebx għal kollox. L-aktar f'**Helsien** il-belt għad għandha arja ta' permessività mlaħħma fis-suppervja ambizzjuża ta' l-avukat De Brincat.

Madankollu, Ħal Rażul ta' Bonnici, bħal Ħaż-Żgħir ta' Ellul Mercer, ma baqax dak l-imkien sentimentali li nnamraw miegħu kittieba oħra. L-insularità tar-raħal, maħkum mit-tabù u l-injoranza, f'daqqa ssir oġġett ta' kritika. Id-distanza kulturali bejn ir-raħal u l-belt nistgħu nifhmuha aħjar billi naraw kif Feliċ u Luretu jħarsu lejn il-belt u r-raħal rispettivament: (Feliċ) "Kien għadu qatt ma daħal il-Belt, qatt ma sab żmien; kien sema' li hemm toroq bla qies, nies bla għadd, kull dar daqs ħabs. Fejn jibda jsibu lil dan il-Gvern, tgħid kien minn tagħna? Ħass ruħu jaqta' qalbu biex imur il-Belt waħdu..." "U bil-qajla l-qajla (Luretu) beda jħossu jitbiegħed mir-raħal, beda jħoss bħal mifred nieżel bejniethom... Is-smigħ ta' isem raħlu kien beda jdarrsu u jqarraslu wiċċu..."

Fl-istess waqt kif jixhed ismu stess, **Helsien** jitmexxa mit-tema ta' l-emanċipazzjoni. Il-**Helsien** li jimplika Bonnici hu kemm soċjali kif ukoll mentali. Qabel xejn, l-awtur jissuġġerixxi emanċipazzjoni mit-tbatija bla ħtieġa u l-faqar, fir-rakkont imseddqa bil-każ ta' Ġanni l-bidwi; imbagħad tidħol l-emanċipazzjoni mill-injoranza u d-djuq parrokkjali msarrfa fl-eżempju ta' Luretu, li b'dedikazzjoni kbira jirnexxilu jinħall mill-mentalità mxekkla tar-raħal. Ħal-Rażul huwa l-ħajja tar-rumanz daqs kemm huma Feliċ u Luretu, rappreżentanti ta' żewġ klassijiet distinti iżda fl-istess waqt wild l-istess raħal. Ir-rabta dejjiema bejn ir-raħlin u Ħal Rażul hi hekk kbira li r-raħal donnu kellu seħer fuq niesu li qatt ma ħassuhom f'posthom 'il barra minnu. Dawk li ppruvaw jisfrundaw il-konvenzjonijiet tradizzjonali billi nfatmu minnu swielhom agħar, għax il-ħakma li r-raħal kellu fuqhom ġegħlithom jerġgħu lura minn fejn telqu. Luretu nnifsu, minkejja kollox, baqa' jħoss ġibda misterjuża lejn raħal twelidu. Rożina wkoll ippruvat tinħall mill-irbit tal-lokal, iżda safrattant kellha tirritorna. B'ġustizzja poetika, għax ittradew ir-raħal, Luretu spiċċa maqtul waqt li Rożina tilfet ġieħha. Paċikku (bħal ulied in-nanna) siefer lejn l-Awstralja biex jistagħna iżda ma sabx xorti u reġa' lura Malta.

Ir-realiżmu hu essenzjalment determinista. Fil-viżjoni tiegħu, il-bniedem m'hux ħlief prodott ta' ċirkustanzi aqwa mir-rieda tiegħu, għax hu kkundizzjonat mill-forza tal-ġenetika u ta' l-ambjent. Id-destin hu prepotenti wisq biex tiġġilidlu u l-bniedem hu dgħajjef wisq biex jimponi r-rieda tiegħu.

F'**Ħelsien** Feliċ jidher ikkundizzjonat mill-ambjent magħluq u miżeru ta' Ħal Rażul filwaqt li Luretu hu kkundizzjonat mill-permessività u l-opportuniżmu tal-belt. Kollox jieħu xejra fatalista u l-bniedem jispiċċa passiv fi storja predeterminata.

Id-dgħufija fiżika ta' Feliċ tkabbar l-emarġinazzjoni tiegħu. F'dan is-sens, id-delitt li wettaq jista' jiġi interpretat bħala kawża tal-frustrazzjoni sesswali-eżistenzjali tiegħu. Dwardu Bonnici jikteb:

"Imsejken Feliċ, aktar mistħoqq il-mogħdrija milli t-tiċpis ta' ħati. Minn ċkunitu deher li xortih xeħħet miegħu u ħallietu nieqes mill-għaqal u mill-ħila li jagħżel it-triq ta' ħajtu u jissara u jegħleb il-ġibdiet ħżiena li jogħnosu fina". Hawn nerġgħu niltaqgħu ma' l-istess fehmiet li jidhru fin-novelli stess fejn, skond Bonnici, id-destin ifassal iċ-ċirkustanzi ta' ħajjet il-karattri nieqsa minn kull rieda fuqhom infushom, biċċa għodda mingħajr ebda setgħa.

Ir-realiżmu ta' Bonnici għalhekk għandu xeħta aktarx pessimista. Hu rumanz ta' xewqat imrażżna u ħolm li jiqras. Il-ħajja tidher bħal ċirku vizzjuż ta' tbatija fiżika u emozzjonali. It-ton traġiku jidwi fuq kollox u ftit li xejn hemm tiżwiq umoristiku. L-aħjar siltiet huma mimlija diqa malinkonika. Feliċ jitlef lil Rożina, Luretu jmut meta kien diġà beda jara r-rebħa, u l-ħelsien għan-nies ta' Ħal Rażul jibqa' ma jasalx.

**Ħelsien** jinseġ storja ta' mħabba b'potenzjal traġiku, għamla ta' **menge-a-trois** bejn avukat ambizzjuż, tfajla vivaċi tar-raħal u żagħżugħ diżorjentat. Il-ħjut ta' ħbiberija u stmerrija għandhom xeħta sentimetali iżda l-atmosfera ġenerali tar-rumanż titbiegħed min-norma minħabba n-nuqqas ta' erojiżmu jew idealiżmu safi.

Il-karattri m'humiex stabbli u qatt ma jsibu sabar fl-ambjent immedjat tagħhom. Jinsabu fi gwerra kontinwa mal-qagħda li tiddetermina l-istess azzjonijiet tagħhom. Imħabbithom, il-mezz waħdani tal-komunikazzjoni, tfalli. Bħal f'**Il-Qawwa ta' l-Imħabba,** it-tielet persuna tidħol bejn żewġ maħbubin biex tfixkel ir-rabta ta' bejniethom (Feliċ/Rożina/ Luretu). L-ordni stabbilita tisfronda biex iċċedi postha għall-kriżi li twassal għat-traġedja finali.

## Dnub Kollettiv

Bħal **Leli ta' Ħaż-Żgħir, Ħelsien** kien rumanz kuraġġuż għal żmienu. It-temi skabrużi ta' konkubinaġġ u qtil politiku kienu biżżejjed biex iċaqilqu l-klima konservattiva. Fil-kuntest realista, il-ħażen ġie newtralizzat fis-sens li l-awtur beda jħares lejh mhux b'ton drammatiku iżda b'għajn distakka, imbiegħda minn pożizzjonijiet assoluti. F'**Ħelsien** għandna eżempju klassiku ta' dan – Feliċ, ħati ta' omiċidju, jispiċċa meħlus minn kull akkuża.

Dal-punt iwassalna għall-konklużjoni fundamentali tar-rumanz: id-dnub ta' Feliċ ma kienx persunali iżda soċjali. L-ambjent kollu kien ħati. Id-dnub tiegħu kien biss l-ogħla grad ta' bosta dnubiet preċedenti oħra. Ir-rumanz għalhekk ma jikkundannax lill-protagonist iżda lis-soċjetà fis-sħuħija tagħha. Dan hu li jerfa' r-rumanz minn storja melodrammatika sempliċi għal teżi aktarx qalbiena – ħadd m'hu ħati jekk l-ambjent ma jagħtihx l-opportunitajiet xierqa biex igħix deċenti.

Bonnici jippreżenta l-fatti fl-għera tagħhom u jikxef il-verità moħbija taħt saffi ta' ħtijiet soċjali u dnubiet kollettivi. Il-politika tar-rumanż hi mdewba fi storja iżda l-punt joħroġ ċar u tond. Il-kritika hi espliċita u bi studju serju tat-test tista' toħroġ fil-beraħ biex tixli lill-istituzzjonijiet responsabbli.